# Fondazzjoni Nazareth Għeluq l-Għoxrin Sena



*Anġelo Zahra – Amministratur u President*

Nhar it-8 ta' Settembru 1995 twieldet il-**Fondazzjoni Nazareth,** meta s-saċerdot Żejtuni Dun Anġ Seychell fetaħ daru, propju Dar Nazareth, 102 Triq Santu Wistin iż-Żejtun, fejn twieled, trabba u għex, għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Dakinhar bl-għajnuna ta' Carol u Laura Spiteri flimkien ma' binhom li marru jgħixu f'Dar Nazareth, bdew jgħixu magħhom fid-dar l-ewwel erba' residenti. Dakinhar saret festa kbira billi saret quddiesa kkonċelebrata minn diversi saċerdoti fit-triq quddiem Dar Nazareth. Kien hemm numru kbir ta' nies li mlew it-triq għal din l-okkażjoni li kienet wirja ta' aċċettazzjoni kbira min-naħa tal-poplu Żejtuni, li appoġġaw bis-sħiħ dan il-proġett uman u disinteressat.








Minn wara dik il-ġurnata bdiet u kompliet ħidma kbira. F'Jannar 1998 saret Fondazzjoni awtonoma mmexxija minn Bord ta' Diretturi b'kuntratt pubbliku, u fis-sena 2000 Dun Anġ Seychell irregala din id-dar tiegħu bħala donazzjoni lill-Fondazzjoni Nazareth, u minn hemm bdiet il-mixja biex saret il-Fondazzjoni Nazareth kif nafuha llum. F'dawn l-aħħar ħmistax-il sena li ili mmexxi din il-Fondazzjoni bħala Amministratur, u l-aħħar ħdax-il sena wkoll bħala President tal-Bord tad-Diretturi, flimkien ma' sħabi tal-Bord preżenti u passati, din kibret b'tali mod li llum għandha tlitt idjar residenzjali proprjetá tagħha, Dar Nazareth, Dar l-Arċipriet Degabriele, u Dar Jean Vanier li fihom illum jgħixu 29 resident/a. Għandna wkoll ħanut tax-xogħol, Dar San Ġużepp Ħaddiem, fejn fih jagħmlu x-xogħol tagħhom li jservi bħala terapija għar-residenti tagħna, kulħadd skont l-abbiltá tiegħu.

Riċentement ġiet irregalata wkoll dar oħra fi Sqaq San Vitor minn Dun Frans Mifsud u oħtu Miriam, li din trid titwaqqa' u tinbena mill-ġdid għall-esiġenzi tal-lum u tar-residenti tagħna. Din se tkun spiża kbira għalina, u għal dan il-għan twaqqaf Kumitat Ġbir ta' Fondi li qed jaħdem qatigħ biex jinġabru l-fondi meħtieġa ħalli dan il-proġett jirnexxi b'risq il-persuni inqas ixxurtjati minna.

Fil-Fondazzjoni llum għandna jaħdmu magħna 15-il impjegat *full time*, u 6 persuni *part time*, li tfisser spiża tas-salarji qrib il-€200,000 fis-sena. Daqshekk kibret il-Fondazzjoni, imma daqshekk ieħor kibret il-providenza. Daqshekk ieħor ukoll kiber l-appoġġ tal-poplu Żejtuni li dejjem sibnieh ta' għajnuna speċjalment l-għaqdiet, is-Soċjetajiet u l-kleru Żejtuni li dejjem kien ta' sostenn. Ninsabu fiduċjużi li din l-għajnuna nibqgħu nsibuha minn kulħadd biex din il-Fondazzjoni li hija monument ħaj għar-raħal tagħna, tibqa' miexja fuq il-passi ta' dawn l-aħħar għoxrin sena b'risq dawn il-persuni vulnerabbli.

Huwa l-ħsieb tal-Bord tad-Diretturi li f'Settembru li ġej, għeluq l-20 sena minn meta twaqqfet din il-Fondazzjoni, se nkunu qed niċċelebraw bil-kbir dan l-anniversarju ta' dan il-proġett uniku li jeżisti fost il-bliet u rħula ta' Malta, proġett li jien insejjaħlu kapolavur tal-qlub tal-poplu Żejtuni, u li żgur se jibqa' monument ħaj għal dak il-bniedem ġeneruż li welldu - Dun Anġ Seychell.